# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Numru 4**

**Avviz numru 800/01mm**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Carmelo Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz mahrug mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Settembru, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-Bank attur is-somma ta' erbat elef, disa' mija u erbghin lira (Lm4940) import ta' hames kambjali skaduti fit-2 ta' Marzu, ta' April, ta' Mejju, ta' Gunju u ta' Lulju, 2000, liema kambjali gew girati u fil-pussess tal-Bank – li kopja taghhom hija esebita u immarkati Dok. A, B, C, D u E.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala rispettivament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi l-kambjali inkwistjoni ma gewx ipprotestati skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet uterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi l-konvenut iffirma hames (5) kambjali li skadew f'xhur differenti favur Margaret Galea.  Dawn il-kambjali gew girati favur il-Bank.

Fit-30 ta' Jannar, 2001, saret Ittra Ufficjali lill-konvenut fejn il-Bank interpellah ihallas is-somma ta' disat elef, tmien mija u tmenin lira Maltin (Lm9,880), import ta' diversi kambjali mahruga minnu favur Joswill Galea.  Meta l-hlas baqa' ma sarx saret din il-kawza.

Il-konvenut qieghed jghid illi dan l-ammont m'ghandux jigi mhallas peress illi dawn il-kambjali ma gewx ipprotestati kif jghid il-Kodici tal-Kummerc.

Ikkunsidrat:

Fil-kaz ta' kambjala girata o meno, meta din tkun intbaghatet ghall-fini ta' hlas il-possessur, "Jista' jitlob il-hlas taghha u jista' jipprotestha jekk ma tigix imhallsa" (Artikolu 192).  Dan il-ghaliex ukoll skond l-Artikolu 191 tal-Kap. 13, "Ir-rifjut tal-hlas ta' kambjala ghandu jigi ppruvat bi protest li jissejjah protest ghan-nuqqas ta' hlas."

Il-konvenut qieghed jabbaza l-argument tieghu fuq dan l-ahhar Artikolu peress illi l-Bank attur kull ma ghamel kien biss Ittra Ufficjali u m'ghamilx il-protest kif rikjest mill-Kodici tal-Kummerc.

Din l-Ittra Ufficjali, li kopja taghha hemm esebita  u mmarkata bhala Dok JDM, hija mahruga ghal cifra differenti minn dik mitluba fl-avviz. Terga u tghid, filwaqt li l-kambjali huma mahruga favur Margaret Galea, fl-Ittra Ufficjali nghad illi kambjali hargu favur Joswill Galea.

Min-naha l-ohra l-Bank qieghed jargumenta illi m'ghandux ghalfejn jipprotesta l-kambjali peress illi dawn qeghdin fil-pusess tieghu legalment girati, fi kwalunkwe kaz il-konvenut jaf illi jrid ihallas u in sosten tat-tezi tieghu ikkwota s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell "Oceanway Co.Ltd. vs L'Onda Ltd u Vincent Grixti" moghtija fil-5 ta' Dicembru, 2001.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti rat is-sentenza fuq imsemmija fejn b'referenza ghall-Artikoli 192 u 191 tal-Kap. 13 tghid, "Madankollu ghandu jinghad li dawn l-Artikoli tal-Ligi gew interpretati b'mod li juri li mhux bilfors huwa mehtieg li t-traent irid bilfors jaghmel jew jibaghat protest.  Dan il-punt kien suggett ta' diversi sentenzi moghtija minn dawn il-Qrati, kemm antiki kif ukoll fi zmien izjed ricenti u fihom gie ritenut illi ma hemmx bzonn jintbaghat protest fil-kaz tat-traent."

Saret referenza ghal sentenzi ohra bhal per ezempju <u>Gatt vs Bartolo</u> (Vol. XXX part 3 pagna 416) fejn il-Qorti tal-Kummerc qalet, "Id-dispozizzjoni tal-Ligi li timponi l-protest tal-kambjala meta dina ma tithallasx fl-iskadenza mhijiex applikabbli ghat-traent u ghalhekk <u>meta l-kambjala ma hiex negozjata</u> t-traent m'ghandux bzonn jaghmel il-protest f'kaz ta' mankanza ta' pagament," (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-Qorti tirrileva li minn dan it-taghlim il-kondizjoni primarja ghall-nuqqas ta' bzonn ta' protest huwa, li l-kambjala ma tkunx girata u l-azzjoni tkun direttament bejn it-traent u l-obbligat fejn il-partijiet involuti huma l-istess partijiet li ffirmaw originarjament il-kambjala.

Il-kaz odjern mhuwiex hekk peress illi l-kambjala giet negozjata u issa qeghda f'idejn terzi u ghalhekk l-obbligat ghandu d-dritt ikun jaf min huwa t-titular ta' din il-kambjala u fejn irid ihallas.  L-ahjar prova ta' dan huwa l-protest imsemmi fl-Artikolu 191 tal-Kodici tal-Kummerc.

Dan il-protest ma sarx fit-terminu msemmi fl-Artikolu 226 sub-section 2 u l-anqas tardivament.  L-Ittra Ufficjali fuq imsemmija pprezentata

fit-30 ta' Jannar, 2001, apparti d-differenzi fl-isem ta' l-obbligat, terminu u quantum, zgur li ma hiex u ma tistax sservi ta' protest fis-sens tal-Ligi.

Kambjala hija proprju l-istrument kummercjali wzat biex jassigura l-heffa u l-ghagla fic-cirkostanzi tal-kreditu u id-dejn biex jirrispetta u jiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi.  Dan necessarjament ifisser adezjoni stretta ghal-Ligi u normi li jikkawtelaw il-kambjala u mhux mistenni illi possessur igawdi mill-beneficcji fuq imsemmi minghajr l-adezjoni tal-Ligi.

Fil-fatt il-Professur Carlo Mallia jghallem ("Diritto Commerciale" Libro Secondo P.311):

"Un'altra caratteristica e' costituita della rigorosita' che la legge attribuisce a certe formalita' che essa impone al possessore, la cui inosservanza importa la sanzione severa ed irriparabile della decadenza dell'azzione di regresso….  Secondo gli articoli 218 e 219 questa decadenza ha luogo…iii se il possessore non ha levato il protesto o non lo ha levato nel termine stabbilito della legge, cioe' nel giorno seguente a quello della scadenza".

Il-Professur Mallia jkompli:

"A proposito, pero' dei casi di decadenza preveduti ai numeri iii, iv e v, bisogno notare che la decadenza ha luogo di fronte ai girati sempre e in tutte le ipotesi, ma di fronte al traente bisogna distinguere…"

Dan it taghlim huwa car, kambjala mhux imhallsa fil-pussess ta' girat ghandha tigi protestata.  F'dan il-kaz dan ma sarx, u quindi r-rigress kontra l-konvenut obbligat mhux possibbli taht l-"action cambiaria" u l-attur tilef il-pozizzjoni privileggjata fil-kuntest tal-Artikolu 237 tal-Kap. 13 li din l-azzjoni tikkoncedilu.

B'daqshekk ma jfissirx pero' li l-bank ma jistghax ifittex lill-konvenut taht il-ligi ordinarja.  Kif gia inghad, il-kambjali gew validament girati favur il-bank u quindi dan gie surrogat fid-drittijiet tat-traent.  Il-hlas ghadu ma sarx u allura l-Qorti ghandha tikkunsidra l-obbligazzjoni li tat origini ghall-kambjali bhala obbligazzjoni semplici skond in-natura tal-kreditu (ara Appell <u>Falcon Ltd. Vs Carmelo Ciappara</u> tal- 5 ta' Ottubru, 1998).

Ghalhekk, filwaqt illi l-konvenut ghandu ragun jilmenta dwar in-nuqqas ta' protest, il-konsegwenza ta' dan mhuwiex li jinheles kompletament mill-obbligazzjoni originali izda li jridu jingiebu l-provi, u il-kambjali hi wahda minnhom, dwar din l-obbligazzjoni u jekk favorevoli, jkun hemm kanonizazzjoni ta' kreditu fil-konfront tal-konvenut li l-bank attur ikun jista jesegwixxi.

F'dan l-istadju, jkun opportun biex issir gustizzja u ma jkunx hemm sorprizi, li l-Qorti tieqaf hawn u tordna li jinfetah mill-gdid l-istadju tal-provi, din id-darba dwar il-meritu tal-obbligazzjoni li tat origini ghall-kambjali esebiti.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Anthony Zammit

Deputat Registratur